MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru 7/2007

Il-Pulizija
(Sp Pierre Grech u Sp Victor Aquilina)
vs
Kurt Grima, iben Mario, imwieled Pieta' fis-17 ta' frar, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fis-26 ta' diċembru, 2006 u matul l-aħħar tmien xhur qabel din id-data –
Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza e meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma

kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra mill-tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat I jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn awtorizza lil din il-Qorti sabiex tisma din il-kawża bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' janar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 9, 10 u 22(1)(a)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-G.N. 292 ta' l-1939. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------